MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru 1017/2010

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli
Spettur Priscilla Caruana)

vs

Francesco Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita numru 368791M, akkuzat talli gewwa Birzebbugia f’xi hin bejn is-2:00 a.m. u l-4:00 a.m. ta’ nhar il-5 ta’ Settembru 2010, ikkommetta serq ta’ apparat tal-HiFi (3 speakers) valur ta’ 110 Ewro, minn vettura ta’ l-ghamla Peugeot 205 bin-numru tar-registrazzjoni IAT-127, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan sar ghad-detriment ta’ Paul Busuttil u/jew persuni ohra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat il-verbal tal-lum fejn l-imputat irregistra ammissjoni li nsista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuza u cioè talli seraq tlett speakers tal-valur ta’ €110 u dana fil-5 ta’ Settembru 2010 gewwa Birzebbugia, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa.

Ikkonsidrat il-fedina penali tal-imputat u l-eta’ tieghu.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(2)(3), 279(a) u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah ghal sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti fisret lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------